

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 120/2008

tas-7 ta' Novembru 2008

**li temenda l-Anness XV (Għajnuna mill-Istat) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XV għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 (¹).
- (2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) (²) għandu jiġi inkorporat fi-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1628/2006 (³), li jinsab inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt dan il-Ftehim.
- (4) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 68/2001 (⁴), 70/2001 (⁵), 2204/2002 (⁶), li huma inkorporati fil-Ftehim, skadew u allura għandhom jiġi kkanċellati mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

### Artikolu 1

L-Anness XV għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) It-testi tal-punti 1d (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001), 1f (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001), 1g (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002) u 1i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006), inklużi l-intestaturi relatati, għandhom jiġu kkanċellati b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.
- (2) Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 1i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006):

**"Għajnuna lill-intrapriżi żgħar u medji, riċerka, żvilupp, innovazzjoni, ħarsien ambjentali, investimenti reġjonali, intraprenditorija femminili, impieg u tħriġ"**

1j. **32008 R 0800:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjoni nijiet li ġejjin:

- (a) Il-kliem 'l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat' għandu jaqra 'l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE;
- (b) Il-kliem 'l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat KE' għandu jaqra 'l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE;
- (c) Il-kliem 'l-Artikolu 87 (3) tat-Trattat' għandu jaqra 'l-Artikolu 61(3) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE;

(¹) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 15.

(²) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

(³) ĠU L 302, 1.11.2006, p. 29.

(⁴) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20.

(⁵) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33.

(⁶) ĠU L 337, 13.12.2002, p. 3.

- (d) il-kliem 'l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat' għandu jinqara 'l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż- ŻEE';
  - (e) il-kliem 'l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat' għandu jinqara 'l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż- ŻEE';
  - (f) Fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kliem 'l-Artikolu 88(3) tat-Trattat' għandu jaqra 'l-Artikolu 1(3) ta' Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u tal-Qorti';
  - (g) Il-kliem 'kompatibbli mas-suq komuni' għandu jinqara 'kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż- ŻEE';
  - (h) Il-kelma 'Kummissjoni' għandha tinqara 'l-awtorità ta' sorveljanza kompetenti kif definita fl-Artikolu 62 tal-Ftehim ŻEE';
  - (i) It-terminu 'reġistri Komunitarji' għandu jinqara 'régistri fit-territorju kopert mill-Ftehim ŻEE';
  - (j) Il-kliem 'l-Anness I tat-Trattat' għandu jinqara 'elenkat fl-Appendiċi ma' dan l-Anness u kopert bl-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE';
  - (k) Il-kliem 'finanzjament tal-Komunità' għandu jinqara 'finanzjament tal-Komunita jew taż-ŻEE';
  - (l) Referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità ma jimplikawx li l-Istati EFTA huma obbligati li jikkon formaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja meta tali leġiżlazzjoni ma għietx inkorporata fil-Ftehim."
- (3) Fl-intestatura tal-Appendiċi, il-kliem "1f(g)" għandu jiġi ssostitwit b"1j(j)".

### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 fil-lingwa Iż-żandia u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubbli-ki fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2008, bil-kundizzjoni li n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmulu fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

---

(\*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.